# IL-KALKARA

## 90 SENA PARROĊĊA
*Tagħrif miġbur minn J.M.F.*

Din is-sena l-Kalkara qegħda tiċċelebra d-90 sena bħalha Parroċċa. Għalkemm mhix qadima wisq, matul dawn id-90 sena sar ħafna tibdil li sebbaħ lill-dan is-subborg b'panorama mill-isbaħ fil-Kottonera. Barra minn dan, il-Kalkara, peress li tinsab mad-daħla tal-Port il-Kbir, sa mill-qedem hija dejjem kellha importanza kbira.

**IL-FORTI RICASOLI**

Wieħed mill-iktar bini antiki li nsibu fil-Kalkara hu proprju dan il-Forti. Meta fl-1669 it-Torok irnexxielhom, wara 25 sena ta' ħbit, ikeċċu l-Venezjani minn Kreta u ħadu din il-gżira taħt idejhom, il-Granmastru Cotoner u l-Kavallieri qabadhom biża' kbir billi Kreta kienet ta' ripar kontra l-attakki miselmin fin-naħa tal-Punent tal-Mediterran. Għalhekk huma bdew jaħsbu biex jiffortifikaw aħjar il-Gżira. Il-Belt Valletta kienet b'saħħitha biżżejjed għall-ħbit imma l-inħawi tal-Birgu kienu ftit debboli. Il-Granmastru Cotoner għamel sejħa lil Konti Valperga, l-inġinier tad-Duka ta' Savoja biex isaħħah in-naħa l-oħra tal-Port il-Kbir. Dan irreveda l-pjanti li kienu ġa saru qabel mill-inġinieri Floriani u Firenzuala u fl-1670, tqegħdet b'solennità kbira l-ewwel ġebla



*Dehra tal-Knisja tas-Salvatur*



*Dehra ta' l-ewwel Parroċċa minn ġewwa fi żmien il-Festa*

ta' linja ta' fortifikazzjoni li kellha tissejjaħ għal Granmastru. Is-swar kellhom jitwasslu mill-fossijiet tal-Isla sa dawk tal-Birgu – estensjoni ta' 3 mili swar, bi 8 bastjuni kbar u 2 żgħar.

Is-swar ma kienux biżżejjed. Kien meħtieġ li tinbena fortizza fil-bokka tal-Port il-Kbir, quddiem dik ta' Sant'Iermu. Is-swar u l-fortizza saru bil-ħafna kontribuzzjonijiet ta' nies proprjetarji, bis-saħħa ta' xi taxxi u bil-kwota li taw il-Kavallieri. Waħda mill-offerti l-kbar kienet tal-Balliju Fra Franġisku Ricasoli li offra 33,000 skud (madwar Lm2,750) għas-swar u l-fortizza biex tinbena fuq il-*"Punta dell'Orso"* fil-bokka tal-port fejn fis-sena 1662, il-Kommendatur Orsi kien bena torri taħt l-isem ta' San Petronju. Minħabba l-ġenerosità kbira tal-Kav. Ricasoli, il-Kunsill tal-Ordni deherlu li kien xieraq li dik il-Fortizza tissejjaħ "Forti Ricasoli". Il-bini tagħha spiċċa fis-sena 1698 u ġew stazzjonati fiha 2,000 suldat.

Meta l-forti ġie f'idejn l-Ingliżi, dawn bnew fih kwartieri għas-suldati biex hekk il-forti ġie msaħħaħ. F'nofs il-forti hemm Kappella mdaqqsa. Biżżejjed ngħidu li kien fiha ħames artali, mgħammra bil-bżonnijiet kollha. Billi din il-Knisja kienet ddedikata lill-qaddis padrun ta' Cotoner, iġifieri San Nikola, kienet għal qalbu ħafna u kien għaniha bil-ħtiġijiet kollha. Il-Kappella għandha sagristija u kripta u l-pittura tal-maġġur kienet ta' Preti li llum qegħdha fil-Mużew tal-Arti. Il-Kapitolu tal-Birgu baqgħu jiċċelebraw l-Festa ta' San Nikola f'din il-Knisja sa mal-forti waqa' f'idejn il-Militar ingliż. Biex l-Ingliżi setgħu jagħmlu użu sewwa mill-forti kellhom jagħmlu spejjes kbar ta' manutenzjoni. Meta l-Militar Ingliż ta' f'idejn din il-forti lin-Navy Ingliża, kienet tperper il-*White Ensign.* Wara li l-Ingliżi bdew inaqqsu l-użu tal-fortifikazzjonijiet, parti minnha għaddiet f'idejn it-Tarzna biex saret azjenda kummerċjali, fejn illum għandna it-*Tank*



*Dehra tal-Knisja temporanja fil-maħżen wara l-gwerra*

*Clearing Farm* biex il-bastimenti jiġu mnaddfa miż-żjut f'dan il-post. Il-kumplament tal-forti ġie f'idejn il-Gvern Ċivili fejn l-imħażen sallum huma utilizzati għall-ħażniet ta' diversi oġġetti taddwana.

## IL-PALAZZ BICHI U L-KNISJA TAS-SALVATUR

Bini storiku ieħor li nsibu fil-għolja tal-Kalkara kienet il-Kappella Tas-Salvatur li l-oriġini tagħha jmur għas-sena 1480 meta ġà kienet teżisti l-kappella li f'dak iż-zmien kienet tagħmel mal-parroċċa tal-Birgu. Fi żmien l-Ordni ta' Malta nsibu li djaknu mill-Knisja Griega ġab permess biex jibni flokha kappella oħra u ddedikha lil San Damaso Papa Qaddis Grieg. B'hekk din il-kappella għaddiet f'idejn il-Papas tal-Griegi tal-Birgu sakemm kellha titneħħa fi żmien l-Assedju, fejn it-Torok kienu okkupaw dawn l-inħawi u kienet isservihom din l-għolja biex jibbumbardjaw s-swar tal-Birgu.

Wara li spiċċa l-Assedju, żewġ Maltin akkwistaw il-permess mingħand il-Gran Mastru biex jerġgħu jibnu l-Kappella li tlestiet fis-sena 1580 fi żmien il-Gran Mastru La Cassier. Din reġgħet ġiet iddedikata lis-Salvatur fejn ġiet mogħnija b'xi legati żgħar għas-servizz tagħha fl-inħawi.

Kien il-Kavallier Bichi li msaħħar lejn il-ġmiel tal-post fid-daħla tal-Port il-Kbir tefa għajnejh fuq l-għolja. Bichi kien kavallier magħruf u fil-1655 ġie mlaħħaq Prijur ta' Capua. Meta l-flotta ta' l-Ordni kienet fl-aqwa tagħha, l-Papa għażlu bħala kmandant tal-Flotta tal-Papa. Kien ukoll in-neputi tal-Papa Alessandru VIII li kien iħobb ħafna lil Malta. Bichi xtaq li jirtira fl-aħħar jiem ta' ħajtu f'Malta u bil-permess akkwista l-art li xtara mingħand Victor u Madalen Galea mill-Birgu b'att tan-Nutar Pietro Fiore biex jibni villa. Wara li talab lil Lorenzo Gafà mill-Birgu biex jagħmillu pjanta, tlestiet u semmieha għalih, u mar jgħix fiha. Ma tantx gawdiha wisq għax f'dak iż-zmien f'Malta laħqet il-pesta li kaxkritu magħha. Huwa kien ġie midfun fil-Knisja tas-Salvatur li kienet ġiet f'idejh u zijuh Fra Mario Bichi fl-1680 ħasiblu għall-monument f'dik il-Knisja li fiha kien ġie midfun neputih.

Wara l-mewt ta' Bichi ħada f'idejh il-Konti Sheasberg li għamlu post addattat għar-rikrejazzjoni u sinjuri Maltin bdew jibnu djar fil-qrib għall-mistrieħ. Billi diversi familji bdew jabitaw fl-inħawi, saret talba lill-Ordni biex jitwassal l-ilma fl-inħawi u dan ix-xogħol ġie f'idejn l-inġinier tal-Ordni, Carapicchio.

Fiż-żmien il-ħakma qasira tal-Franċiżi fostna, riedu jużaw l-Għolja u d-daħliet ta' Bichi bħala Lazzarett. Mal-wasla tal-Ingliżi, Villa Bichi ġiet f'idejhom wara li xtrawha

mill-prokuratur tal-Ordni Gronet, fejn inqalgħu xi kwistjonijiet dwar rappresentanza. Fi żmien l-Ingliżi fil-1813 tfaċċat il-kolera u riedu jużaw Bichi bħala sptar iżolat, avolja kienu ġa jabitaw 800 ruħ fl-inħawi. Dan l-isptar beda jamminstrah it-tabib prinċipali tal-Birgu, Luiġi Pisani.

Wara l-Battalja ta' Navarino, l-awtoritajiet Ingliżi iddeidew li jagħmluh sptar Navali fejn ħafna baħħara fil-Mediterran kellhom bżønn il-kura. Fit-23 ta' Marzu 1830 tqegħdet l-ewwel ġebla fiż-żmien il-Gvernatur Ponsonby, u ix-xogħol fuqha dam sejjer sentejn. Lord Nelson f'viżta li kien għamel Malta kien ġà għamel il-ħsieb li ibiddel il-villa fi sptar. Fil-fatt minn Villa Bichi tneħħa xi xogħol oriġinali u fuq pjanta tal-Perit Sebastiano Ittar żamm l-istil doriku tagħha u uħud jgħidu li partijiet ta' l-istess villa ġew inkorporati fil-bini li sar fi żmien l-Ingliżi. L-ispiża qamet xi għoxrin elf lira f'dak iż-zmien u l-art biex l-Ingliżi akkwistawha kellhom iħallsu bi dritt dominju piż ta' tnax il-skud u disa tari fis-sena (xi Lm1.06c) li kellhom jitħallsu lill-Kappillan tal-Knisja tas-Salvatur. Dawn għadhom jistħallsu sallum.

Fil-qrib kien hemm villa Portelli mibnija minn Monsinjur fejn hawn min jgħid li kienet residenza ta' Lord Nelson meta dan kien f'Malta billi fiha sabu bust tiegħu. Villa Portelli kienet tintuża mill-Kapijiet għolja tal-Flotta Ingliża. Illum għaddiet f'nofsha triq li firditha sewwa minn Bighi. Qrib l-Isptar kien hemm żewġ ċimiterji li bit-toroq ġodda u ippjanar ġdid ma jidhru xejn aktar. Dan l-isptar mhux biss kien mogħni b'kull ħtiġijiet imma kien miżmum tant tajjeb u joffri servizz mill-aqwa. Jingħad li meta Prince Alfred kien marid f'dan l-isptar, ried li l-ħafna Maltin li kienu jaħdmu fih, jibdew jilbsu l-uniformi. Proprju f'dan is-seklu il-Kalkara bdiet timtela bil-bini.

### IL-KALKARA ISIR PARROĊĊA

Madwar 100 sena ilu, l-Kalkara beda jikber u l-poplu infirex 'l hawn u 'l hinn f'naħiet imbegħda. In-nies bdew iħossu li kienet bi tqila biex tmur taqdi dmirijietha l-Birgu billi l-Knisja waħdanija "tas-Salvatur" kienet żgħira. Din il-biċċa xogħol tqila ħadha f'idejh il-Kanonku Kurat ta' Bormla Dun Ġużepp Azzopardi. Ħsieb tal-pjanta kien l-Arkitett W. Attard (tal-Ammiraljat) u f'Ġunju tal-1890 bdiet tiela f'nofs it-Triq Rinella fejn ilum hemm St Michael Street. L-art ġiet irregalatha, nofsha mill-benestant Fortunat Gulia u in-nofs l-ieħor mill-Parroċċa ta' Bormla. L-ewwel flus li nġabru kienu miċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq u bit-tħabrik ta' Kan. Ġużepp Azzopardi li għamel ħafna tajjeb mill-ġid tiegħu u minn żewġ benefatturi oħra Bormliżi u devoti oħra kienu ġà intefqu £2,800 sal-1894. Ta' min isemmi li l-arkitett W. Attard, bħal uħud mill-ħaddiema ħadmu bla ħlas. B'digriet ta' Mons. Isqof Pietro Pace fil-11 ta' Diċembru 1897 il-Kalkara saret Parroċċa iddedikata lil SAN ĠUŻEPP u ġiet imbierka solenne-ment mill-Vigarju Dun Ġużepp Merċieca.

Bħala l-ewwel Kappillan ta' din il-Parroċċa kien il-W.R. Dun Ġużepp Ciangura u l-Knisja nfetħet għall-ewwel darba għall-pubbliku fis-6 ta' Jannar 1898. Dan il-Kappillan dam sas-sena 1925 meta rċieva n-nomina ta' Monsinjur tal-Katidral. Warajh ġie nominat Kappillan il-W.R. Dun Eleazzaru Balzan li dam f'din il-Parroċċa għall 18-il sena sakemm fil-1943 minħabba saħħtu (matul il-gwerra kien ħadem u sofra wisq) kellu jirtira u ġie nominat Kanonku Onorarju tal-Kattedral. Matul l-aħħar gwerra, kważi fl-aħħar attakki mill-ajru, sewwa sew fil-5.00 p.m. tal-10 ta' April 1942 din il-Knisja Parrokkjali ġiet meqruda b'ħidma ta' l-għadu. Minn dak in-nhar il-Knisja

tas-Salvatur bdiet isservi mill-ġdid flok il-Parroċċa u kien fiha li fl-20 ta' Novembru 1943 ħa l-pussess it-tielet Kappillan Dun Carmelo Xuereb (illum Mons. Vigarju Ġenerali).

Billi l-Knisja tas-Salvatur kienet kappella ċkejkna fl-20 ta' Marzu 1944 sar it-trasport solenni ta' Ġesù Sagramentat f'żewġ imħażen fix-xatt tal-Kalkara li kienu jappartjienu lill-*Malta Gas Company,* fejn ġew addattati biex iservu bħala Knisja temporanja. Mons. Arċisqof Gonzi kien ġab miegħu xi armar għall-faċċata ta' din il-Knisja mill-Istitut ta' Cini, Hamrun, u bil-ftit li kien għad fadal setgħu jibdew biex joħolqu kommunità madwar Ġesù. F'kull xitwa wieħed kien jistenna xi ilma f'dawn l-imħażen imma dejjem kien ibatti. Ta min isemmi meta f'Ottubru tal-1951 l-ilma baqa tiela sa 10 piedi u l-artal tal-injam flimkien mal-bankijiet bdew jgħumu għall-tlett ijiem sħah. Kien hemm bżonn ta' Knisja ikbar.

**IX-XOGħOL FUQ IL-KNISJA L-ĠDIDA**

Wara din il-qerda kollha, kellhu biċċa xogħol iebsa l-Kappillan Carmelo Xuereb mhux biss biex jibni mill-ġdid knijsa parrokkjali imma l-parroċċa kollha kemm hi. Il-Kappillan bil-għajnuna ta' Mons. Arċisqof Gonzi li kien xtara l-art mill-*Malta Gas Company* u magħrufa taħt l-isem "tal-Għeżieli" irregalha lill-Parroċċa biex fuqha tinbena l-Knisja l-ġdida b'att tan-Nutar Ġużeppi Vella Galea tal-14 ta' Jannar 1949.

Fit-2 ta' Mejju 1946 beda ix-xogħol tal-pedamenti tal-Knisja l-ġdida u fit-13 ta' ottubru ta' l-istess sena Mons. Arċisqof Gonzi – li għadda tfulithu f'dan is-subborg – ġie jqiegħed ferħan l-ewwel ġebla, imdawwar mil poplu kollu tal-Kalkara u personalitajiet għolja oħra tal-Gvern u Servizzi Navali. Ta' min isemmi fost il-mistednin preżenti kien hemm Sir George Borg u Lady Borg, Commodore Orr-Ewing, Superintendent H.M Dockyard u Dr Louis Galea l-Attorney General. F'din iċ-ċirkostanza Mons. Arċisqof għamel diskors l-iżjed imħeġġeġ li ġie rappurtat ukoll fl-istampa ta' barra.

Id-disinn tal-Knisja il-ġdida u l-esekuzzjoni tax-xogħol ġew afdati f'idejn il-Kavallier Profs Vincenzo Bonello u s-Sur Giuseppe D'Amato P.E.P. Il-pjanta ta' stil klassiku ġiet approvata u mfaħħra mill-Kummissjoni Pontifiċja għall-bini tal-Knejjes. Bit tħabrik tal-Kappillan flimkien mal-insistenza ta' Mons. Arċisqof li kien jiġi ta' spiss jara ix-xogħol li qieghed isir u l-ħeġġa u l-għajnuna li ta' l-poplu tal-Kalkara, il-Knisja tlestiet u ġiet inawgurata mill-imsemmi Arċisqof Gonzi fis-7 ta' Settembru 1952. Dak inhar, wara li telqet purċissjoni mill-Knisja temporanja għall-Knisja l-ġdida fejn waqfet quddiem il-bieb u l-Arċisqof bierek il-faċċata u l-ħitan ta' barra. Imbagħad daħlu fil-Knisja u l-Arċisqof bierika minn ġewwa. Wara t-tberik, l-Arċisqof qaddes fiha l-ewwel darba.

Fil-1953 wasal Malta l-artal maġġur, maħdum minn għażla ta' rħamijiet l-iżjed prezzjużi mid-Ditta Montecatini ta' Carrara. Dan l-artal hu rigal ta' żewġ benefatturi Kalkariżi, il-mejjet Loretu Mintoff, li miet propju ħmistax wara l-wasla tal-artal u martu Ġiużeppa. Fit-12 ta' Diċembru 1954 saret il-Konsagrazzjoni tal-Knisja u ta' tlett artali li għaliha l-poplu attenda numeruż. Bil-mod il-mod il-Knisja bdiet tintela u fil-1955 il-paviment tal-irħam tal-Kor u taż-żewġ kappelli ta' San Mikiel u tal-Qalb ta' Ġesù ġew imqegħda f'posthom. L-irħam inħadem mid-ditta Andrecari ta' Pietrasanta, l-Italja. Wara iżanżan l-irħam ta' l-art tal-korsija u tal-Kappelluni li nħadmu mid-ditta Romeo Ceccotti ta' Pietrasanta, li għamlu ukoll is-slaleb ta' l-irħam tal-Konsagrazzjoni. Hekk

baqa' isir l-irħam kollu tal-Knisja. Ħafna personalitajiet għolja kienu jiġu iżuru l-Knisja fosthom il-Gvernatur Creasy li ammira l-bjuda tagħha. Insibu ukoll Kardinali li żaru l-parroċċa tagħna bħal Kard. De Gouveia u Kard. Tedeschini. Meta kien fuq żjara f'Malta l-Ecc. Mons. Van Lierde, Sagristan tal-Papa ġie jara dan it-tempju. Profs. Valerio Mariani meta ġie jara l-Knisja qal lill-Kappillan Dun Carm Xuereb li "din hi waħda mill-isbaħ knejjes li inbnew fl-Ewropa wara l-gwerra."

Minkejja li fi ftit żmien in-nies tal-kalkara kellhom jibnu żewġ Knejjes Parrokkjali, b'danakollu il-Kalkariżi dejjem kienu ġenerużi biex iżejnu b'mod xieraq id-dar t'Alla. Insibu li fi żmien il-Kappillan Dun Alwiġ Debono inbniet il-Koppla. Ta' min isemmi l-kwadru titulari li jirrappreżenta lil San Ġużepp, Patrun tal-Knisja (titular) tal-Knisja l-qadima) li hu xogħol sabih ta' Giuseppe Calì li pitter ukoll ir-Ragħaj it-Tajjeb li darba kien it-titular tal-Kappella tal-isptar ta' Bighi, irregalat lill-parroċċa. Kwadru sabiħ ieħor jinsab fis-sagristija li jirrappreżenta lill-Mons. Arċisqof Gonzi, benefattur kbir ta' din il-Knisja, xogħol tal-pittur Envim Cremona. B'tifkira Mons. Arċisqof irregalha l-artal u l-kwadru ta' San Mikiel għall-Kappellun tal-ġenb. L-istatwa titulari ta' San Ġużepp hi tal-injam u nħadmet f'Bolzano, l-Italja.



*Iż-żjarat ta' spiss li kien jagħmel Mons. Arċisqof Gonzi fil-Kalkara*

F'dawn il-ġrajjiet kollha wieħed malajr jinduna kemm il-poplu Kalkariż kellu għall-qalbu l-Knisja fejn Ġesù Ewkaristija ixerred tant grazzji u jrid jgħammar fost il-poplu tiegħu. Dan jixdhu kuljum anke fi żmienna fejn ħafna mill-popolazzjoni li dejjem qegħda tikber tiltaqa biex tfaħħar lill-Mulej fil-Knisja u minnHu jieħdu l-kliem tal-ħajja.

J'Alla San Ġużepp, Patrun ta' din il-parroċċa jieħu ħsieb u jsaħħaħ l-ulied tagħha biex flimkien mal-kleru, joħolqu kommunità ta' fidi, tama u mħabba.




COOKED HAM & BACON
All taste and no waste . . .
Wholesale enquiries: Albertown Coldstores (J & C Pisani Ltd)
Prince Albert Str., Albertown, Marsa. Tel: 229612, 621891